*Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Principju Gustizzja Naturali;*
*Regolament 4(1) u (2) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Novembru, 2017**

**Numru 4**

**Rikors Numru 1101/07TA**

**Midi plc (C 15836)**

**vs**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta u b'degriet tat-28 t'Ottubru, 2010 assumiet l-atti l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Melita Cable plc (C12715) ghal kull interess li jista' jkollha u b'degriet tas-26 ta' April, 2016 is-Socjeta` Melita plc (C12715) biddlet isimha u issa giet taqra Melita Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` Attrici prezentat fit-22 ta' Ottubru 2007 mahluf minn Benjamin Muscat fid-19 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

“1. Illi, permezz ta’ ittra datata l-25 ta’ April 2007, l-Awtorita` konvenuta, fuq rikjesta tal-kumpannija konvenuta Melita Cable plc, harget ordni ai termini ta’ l-artikolu 4(1) ta’ l-Att Dwar ir-Regolamenti ta’ Certi Xoghlijiet f’Utilitajiet u Servizzi (Kap 81 tal-Ligijiet ta’ Malta) kontra l-kumpannija attrici sabiex jitqieghdu gumni u fili necessarji ghall-provvista ta’ servizz ta’ *cable television* ghar-residenti li japplikaw ghal dan is-servizz fis-sit tal-kumpless ta’ Tigne` Point, tas-Sliema, proprjeta` tal-kumpannija esponenti Midi plc (kopja ta’ l-Ordni annessa u mmarkata bhala Dok A).

2. Illi, l-Awtorita` konvenuta naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali, partikolarment il-principju “*audi alteram partem*”, in konnessjoni ma din l-ordni u d-deliberazzjonijiet ta’ qabel ma nharget l-ordni billi ma tat l-ebda opportunita` lill-kumpannija attrici illi ssemma lehenha.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` konvenuta fil-hrug ta’ l-ordni in kwistjoni ma agixxietx skond dak li hu rikjest minnha ai termini ta’ l-Att Dwar ir-Regolamenti ta’ Certi Xoghlijiet f’Utilitajiet u Servizzi (Kap 81 tal-Ligijiet ta’ Malta). Infatti, minghajr pregudizzju ghal generalita` tal-asserzjoni kontenuta f’dan il-paragrafu l-Awtorita` konvenuta (i) ma agixxietx “abbazi ta’ proceduri trasparenti u pubblikament disponibbli, li jigu applikati minghajr diskriminazzjoni u minghajr dewmien” ai termini ta’ l-artikolu 4(10)(a) tal-Kap 81; (ii) ma segwietx “il-principji ta’ trasparenza u li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni meta zzid kundizzjonijiet” ai termini ta’ l-artikolu 4(1)(b) ta’ l-istess Att; (iii) naqset li “taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha” kif jitlob l-artikolu 4(10)(c) u; (iv) naqset ukoll li tispecifika rotta ghall-passagg tal-gumni u fili u ghalhekk qieghda tippregudika d-dritt tal-kumpannija Attrici moghti lilha ai termini ta’ l-artikolu 6(10) tal-Kap 81 li titlob li “il-moghdija tal-gumna jew tal-fili li tkun sejra ssir, tigi mdawra ghal band’ohra …”

4. Illi l-hrug ta’ din l-Ordni jikkostitwixxi eghmil amministrattiv ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) stante li hija ordni mahruga minn awtorita` pubblika bhala ma hi l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta skond id-definizzjoni ta’ “awtorita` Pubbika” taht l-istess artikolu.

5. Illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, dan l-eghmil amministrattiv huwa *ultra vires* u null, invalidu u/jew minghajr effett ai termini ta’ l-istess Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Proceura Civili (Kap 12) stante illi l-Awtorita` naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fil-hrug ta’ l-ordni u/jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel ma nharget l-ordni.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li l-Ordni mahruga mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta datata 25 ta' April 2007 maghmula ai termini ta' l-artikolu 4(1) ta' l-Att Dwar ir-Regolamenti ta' Certi Xoghlijiet f'Utilitajiet u Servizzi (Kap. 81 tal-Ligijiet ta' Malta) hija *ultra vires* ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi li l-Ordni msemmija hija nulla, invalida u/jew minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini ta' l-istess Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li r-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-kumpannija esponenti in konnessjoni mal-ordni imsemmija u l-hrug tal-istess ordni inkluz kwalunkwe azzjoni in konnessjoni mal-fatt li l-effett tal-ordni huwa dak li taghti drittijiet fuq proprjeta` tal-kumpannija esponenti lill-terzi."

Rat ir-risposta guramentata tas-Socjeta` Konvenuta Melita Limited gja' Melita Cable plc ossia Melita plc prezentata fit-2 ta' Jannar 2008 u mahlufa fl-istess gurnata minn Dr Jean Pierre Scerri li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"<u>Difiza</u>

1. Illi preliminarjament, is-socjeta` konvenuta Melita Cable plc m'ghandhiex tbati spejjez ta' din il-kawza stante illi d-decizjoni kontestata ma hadithiex is-Socjeta` konvenuta Melita Cable plc izda l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta;

2. minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta hija *intra vires* l-Artikolu 4 tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-istess Artikolu jaghti poter lill-Awtorita` li tohrog l-ordni kontestata;

3. minghajr pegudizzju ghas-suespost, illi l-ordni mertu ta' din il-kawza nharget ai termini ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-Artiklu 4(10) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-istess ordni;

4. minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi in-nuqqas ta' osservanza tal-proceduri u principji imsemmija fl-Artikolu 4(10) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta'

Malta ma jrendix ordni mahruga taht l-Artikolu 4(1) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta null u minghajr effett;

5. minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

<u>Il-Fatti</u>

1. illi il-fatti kif esposti f'paragrafu 1 tar-rikors tas-socjeta` attrici, mh'humiex kontestati mis-socjeta` konvenuta Melia Cable plc;

2. illi s-socjeta` konvenuta Melita Cable plc la tista' tikkonferma u lanqas tichad il-fatti kif esposti f'paragrafi 2 u 3 tar-rikors tas-socjeta` attrici;

3. illi l-ordni mertu ta' din il-kawza hija necessarja sabiex is-socjeta` konvenuta Melita Cable plc ikollha access ghal Tigne Point sabiex tkun tista' tipprovdi s-servizzi taghha ta' telefonija, televizjoni u *internet*, u sabiex b'hekk konsumaturi li jghixu f'Tigne Point ikollhom il-fakulta` li jaghzlu li jixtru dawn is-servizzi u sabiex inoltre tkun assikurata l-kompetizzjoni hielsa f'*Tigne Point*.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Midi plc."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta gja' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta prezentata fit-3 ta' Jannar 2008 u mahlufa fl-istess gurnata minn Dr. Duncan Borg Myatt li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"Illi t-talbiet tas-socjeta` esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante:-

1. Illi l-Awtorita` intimata agixxiet entro l-limiti imposti fuqha mill-Kap. 81 u kwindi wiehed ma jifhimx kif l-agir taghha jista' jitqies li kien b'xi mod *ultra vires*;

2. Illi ma kien hemm ebda ragunament mistur wara d-decizjoni tal-Awtorita` li tohrog ordni taht l-art. 4(1) tal-Kap. 81 u wisq inqas jista' jinghad li s-Socjeta` Attrici giet diskriminata fil-hrug tal-istess ordni stante li agir

diskriminatorju jimplika trattament distint ta' zewg partijiet f'sitwazzjoni simili, pero` dan mhuwiex il-kaz;

3. Illi ma kien hemm ebda ksur tal-art. 4(1)(b) da parti tal-Awtorita` esponenti stante illi s-Socjeta` Attrici ma hijiex "provditur ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici" u kwindi wiehed ma jifhimx sewwa sew x'inhi l-lanjanza tas-Socjeta` Attrici f'dan ir-rigward;

4. Illi r-raguni l-ghala l-Awtorita` hasset il-bzonn li tohrog dan l-ordni jirrizulta mill-istess Dok 'A' pprezentat mis-Socjeta` Attrici fejn jinghad car u tond illi "[t]he said cables and wires are necessary for the supply of cable television to applicants residing within the complex";

5. Illi in kwantu ghall-allegazzjoni illi l-Awtorita` esponenti naqset milli tispecifika l-moghdija tal-gumna jew tal-fili, jigi sottolineat illi l-artikolu 4(1) tal-Kap. 81 ma jimponix fuq l-awtorita` ebda obbligu ta' din in-natura – semmai jispetta lil min ikun sejjer jaghmel ix-xoghlijiet li jissottometti pjan ta' xoghlijiet u jekk ma jkunx hemm qbil, il-partijiet jistghu jduru fuq l-Awtorita` esponenti sabiex dina tagixxi ta' medjatur bejn il-partijiet.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Fatti tal-Kawza**

**1.** Is-Socjeta` Attrici hija propjetarja tas-sit fejn hemm il-kumpless ta' zvillupp residenzjali u kummercjali maghruf bhala Tigne` Point tas-Sliema. Konsapevoli li r-residenti u l-utenti ta' dan il-kumpless kien ser jinhtegilhom kull xorta ta' servizzi bhal dawk provduti mis-Socjeta` Konvenuta, is-Socjeta` Attrici hasbet ukoll ghall-infrastruttura minn fejn setghu jghaddu dawn is-servizzi.

**2.** Xi zmien fis-sena 2003, is-Socjeta` Attrici kienet f'diskussjonijiet mal-provdituri ta' dawn is-servizzi. Di fatti fit-2 ta' Settembru 2003 (ara fol 25), is-Socjeta` Attrici dahlet f'"memorandum of understanding" mas-Socjeta` Konvenuta dwar dawn is-servizzi, fejn fost ohrajn trattaw il-mod kif kellhom jigu installati dawn is-servizzi u x-xorta ta' kumpens li kellu jithallas mis-Socjeta` Konvenuta lis-Socjeta` Attrici.

**3.** Gara, li fil-24 ta' April 2007, l-Awtorita` Konvenuta harget Ordni ai termini tal-artiklu 4(2) tal-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-termini tal-istess talbet lis-Socjeta` Konvenuta taghti il-veduti taghha (ara a` fol 10). L-ghada l-Awtorita` Konvenuta harget Ordni ohra, din id-darba taht artiklu 4(1) tal-istess Kap tal-Ligijiet, bid-differenza, li din id-darba ma talbitx lis-Socjeta` Konvenuta taghti l-veduti taghha. Fil-verita', dan is-sub-artiklu partikulari,

kuntrarjament ghall-artiklu 4(2), ma jesigix li jintalbu l-veduti ta' min hu interessat.

**4.** Skont xhieda bl-affidavit ta' Michael Rizzo dan ighid, li s-Socjeta` Attrici saret taf bl-Ordni tal-25 ta' April 2007 waqt laqgha mas-Socjeta` Konvenuta, u cioe` fid-9 ta' Mejju 2007, liema laqgha saret biex ikomplu jiddiskutu l-materja in kwistjoni (ara xhieda ta' Michael Izzo a` fol 23). Saru jaf dwar x'kienet il-posizzjoni taghhom minghand is-Socjeta` Konvenuta waqt din il-laqgha. Tajjeb li jinghad, li din l-Ordni tal-Awtorita` Konvenuta, harget fuq talba tas-Socjeta` Konvenuta.

**5.** Meta s-Socjeta` Attrici saret taf b'dan kollu, mill-ewwel ipprocediet bi protesta mal-Awtorita` Konvenuta jumejn wara l-laqgha fuq imsemmija permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 2007 (a` fol 31) fejn fost ohrajn ilmentat li l-Ordni tal-25 ta' April 2007 kienet inharget bi ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali u partikularment tal-principju ta' smiegh xieraq u cioe` principju tal-"audi alteram partem".

B'hekk kellha ssir din il-kawza

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**6.** Ma hemm ebda dubbju, li l-azzjoni li qed tesperita s-Socjeta` Attrici f'din il-kawza hija dik li biha qed tadixxi lill-Qorti, sabiex tistharreg il-validita`

ta' ghemil amministrattiv u biex konsegwentement dak l-ghemil jigi dikjarat li hu null, invalidu jew minghajr ebda effett. Ghalhekk, fil-kliem testwali tal-ewwel talba Attrici, il-Qorti qed tkun mitluba tiddikjara, li l-Ordni tal-25 ta' April 2007 fuq imsemmija, " ….hija *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili(Kap 12)".

**7.** Mill-hames (5) premessa tar-Rikors Guramentat jemergi aktar car taht liema mill-istanzi imsemmijin f'artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed tkun ippostulata din l-azzjoni. Dan ifisser, li Ordni li qed tkun attakkata hija abbazi ta' dak li jistipula l-aritikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Igifieri li fic-cirkostanzi l-Awtorita` Konvenuta naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil.

Ghalhekk stabilita l-azzjoni li qed tkun esperita f'din il-kawza, il-Qorti issa ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha.

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Qabel ma din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kaz odjern thoss li ghandha tissenjala certu principji dwar il-materja li ghandha quddiemha. Ghalhekk tibda biex tinnota, li sa fejn jirrigwarda d-dritt ta' propjeta', il-principju generali huwa dak kif enuncjat mis-segwenti artikoli 320 u 321 rispettivament tal-Kodici Civili u cioe`:-

> *"Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi" u li "Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust."*

**9.** Jikkonsegwi ghalhekk, li dan principju, li mhux biss huwa generali, izda huwa wkoll baziku u l-fondament legali ghall-kuncett ta' dritt ta' propjeta`. Bis-sahha tieghu, wiehed ghandu dritt li jgawdi u jiddisponi minn hwejgu b'mod assolut.

**10.** Ovvjament ghal dan il-principju hemm eccezzjonijiet li jippermettu limitazzjonijiet ghal dan id-dritt, mhux biss fil-Kodici Civili, bhal ma fost ohrajn huma certi servitujiet, izda kif ukoll fil-ligijiet generali fl-interess u skop pubbliku.

**11.** Mal-milja taz-zmien, bl-izvilupp rapidu tas-Socjeta`, zdiedu s-sitwazzjonijiet fejn dawn il-limitazzjonijiet saru inevitabbli u necessarji ghall-ahjar ordinament tas-Socjeta` fejn l-interessi tal-kollettivita` jikkonfliggu mad-definizzjoni dejqa hafna u ottocenteska ta' dan id-dritt **(ara Bigliazzi Geri u ohrajn fl-opra intitolata 'Il Sistema Giuridico Italiano UTET; Ed.1994)**.

**12.** Skont din il-Qorti, biex dawn il-limitazzjonijiet fuq id-dritt ta' propjeta` jkunu accettabbli skont il-ligi, hamsa huma r-rekwiziti li jridu jkunu sodisfatti:-

**L-ewwel**, li tali limitazzjoni ghandha tkun sanzjonata minn ligi.

**It-tieni,** li l-iskop tal-limitazzjoni ghandu jkun car u manifest, b'mod li sid il-haga jkun jista' jaghraf il-htiega tal-imposizzjoni minghajr il-kunsens tieghu.

**It-tielet,** li l-limitazzjoni tkun tassew fl-interess jew skop pubbliku u gid kommuni.

**Ir-raba',** li jithallas lis-sid kumpens adegwat li jkun jirrifletti t-tnaqqis fil-valur jew fl-utli tal-haga.

**Il-hames**, li l-ligi li tipprovdi ghal-limitazzjoni, toffri mekanizmu legali effikaci u rapidu, fejn is-sid jinghata l-opportunita` jikkontesta kemm il-limitazzjoni fiha nnifisha u kif ukoll l-aspett dwar adegwetezza tal-kumpens moghti.

Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh, li t-tehid tal-propjeta' privata jew il-limitazzjoni fil-godiment taghha minghajr il-kunsens tas-sid, huwa ghemil eccezzjonali u straordinarju. Fir-rejalta', il-ligi tkun qeghdha legalment tippermetti, dak li altrimenti jitqies bhala uzurpazzjoni jew invazjoni tal-propjeta'.

**13.** Meta d-dritt ta' godiment u tgawdija ta' propjeta' jkun limitat, ghalkemm ma jkunx hemm espropju kif solitalment nifhmuh, xorta tikkonfigura espropjazzjoni parzjali, bhal meta l-ligi, precizament bhal Kap 81 tal-Ligijiet

ta’ Malta (minn issa ‘l quddiem “ir-Regolamenti” , jikkreja u jghabbi propjeta` privata b’tip ta’ servitujiet fl-interess jew ghal skopijiet pubblici. Di fatti, din l-istess ligi tikkunsidra dan l-ghemill bhala ekwipollenti ghall-krejazzjoni ta’ servitu` tant li f’artikolu 4(9) l-istess tipprovdi ghat-tiswijiet u manutenzjoni tas-servizzi provduti minn fuq propjeta’ ta’ haddiehor, bl-istess mod li jipprovdi artikolu 471 tal-Kodici Civili u dan billi ssir referenza ghal dan l-artikolu minn din il-ligi stess.

**14.** Dan ifisser, li meta Awtorita` Pubblika taghzel li tezercita poteri li jgibu maghhom limitazzjonijiet fuq il-propjeta` tat-terz individwu, ghandha taghmel dawn b’kawtela u bil-massimu ta’ osservanza tad-drittijiet tal-individwu, li ser ikollu kontra r-rieda tieghu, ghax hekk tobbligah il-ligi, ibaxxi rasu ghall-ezercizzju ta’ dawk il-poteri. Huwa wkoll obbligu tal-Awtorita`, li taccerta bilanc bejn dawn iz-zewg drittijiet konfliggenti

**15.** Il-kawtela fuq imsemmija hija mehtiega, ghaliex f’dawn ic-cirkostanzi japplika l-insenjament gurisprudenzjali li l-jedd ta’ l-individwu jipprevali fejn jirrizulta li l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha tagixxi (**Ara Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-19 ta’ Ottubru 2011 fl-ismijiet Residual Limted -vs- Kummissarju tal-Artijiet**). Apparti ghal dawk il-ligijiet, li fil-gerarkija taghhom huma superjuri ghal dawk

ordinarji, fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, il-ligi ordinarja applikabbli hija l-Kap 81 tal-Ligijiet ta' Malta.

**16.** In addizzjoni ma' dak li ntqal aktar 'l fuq, din il-Qorti trid ukoll tinnota, li hemm zewg tipi ta' indhil furzat mill-Istat fid-dritt tal-propjeta' tal-individwu fl-interess jew ghal skop pubbliku:-

(1) Hemm dak li huwa **dirett**, bil-kaz klassiku ta' tehid ta' propjeta' ghall-skop pubbliku ai fini ta' progetti statali jew nazzjonali, bhal huma holqien ta' toroq arterjali, skejjel pubblici, sptarijiet pubblici u xorta ohra.

(2) U hemm dak li huwa **indirett**, ghaliex it-tehid, ghalkemm veru biex jinqdew ic-cittadini, bhal per ezempju fir-recezzjoni ta' xi servizz medjatiku li jkun sar necessarju ghas-Socjeta` in generali, jkun ukoll pero', fl-interess kummercjali ta' xi entita` privata, u li allura, dak li qed taghmel tkun qed taghmlu ghall-qliegh taghha.

**17.** L-ahhar kaz huwa dak li ghandha quddiemha din il-Qorti. Dan ifisser li l-kawtela imsemmija aktar 'il fuq, ghandha tkun applikata bl-aktar mod skrupluz possibbli u b'mod mill-aktar ragjonevoli f'dan il-kaz.

**18.** Qabel ma din il-Qorti tkompli tikkonsidra l-kawza fil-mertu, trid bil-fors taghmel referenza ghall-verbal tas-29 ta' Marzu 2017, fejn il-partijiet qablu, li

din il-kawza ghandha tigi deciza fit-termini tar-regolamenti kif kienu prevalenti fil-mument li giet esperita l-azzjoni. Ghalhekk il-Qorti, kemm fid-dawl ta' dak il-verbal u kif ukoll tan-nota konguntiva tal-partijiet tal-10 ta' April 2017 (a` fol 147), ser tkun qed tiehu konjizzjoni tar-Regolamenti inkwistjoni bil-mod li intqal.

**19.** Bhala fatt jirrizulta, li l-ewwel Ordni li rceviet is-Socjeta` Attrici minghand l-Awtorita` Konvenuta dwar it-tqeghid fil-propjeta` taghha tas-servizzi tas-Socjeta` Konvenuta, datata 24 ta' April 2007, harget abbazi tal-artikolu 4(2) tar-Regolamenti. Di fatti s-Socjeta` Attrici ghamlet risposta ghaliha fit-3 ta' Mejju 2007 (ara dokument a` fol 30) u dan kif jitlob dan is-subartiklu.

**20.** Dan jixhdu ukoll Michael Izzo fl-affidavit tieghu (a` fol 21). Gara, li 'l ghada u cioe` fil-25 ta' April 2007, harget Ordni ohra, din id-darba abbazi tal-artikolu 4(1) tar-Regolamenti, bid-differenza, li dan is-subartiklu ma jimponiex fuq l-Awtorita' li titlob il-veduti tal-partijiet interessati bhal ma jaghmel artikolu 4(2). L-Awtorita` Konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha (a` fol 13) targumenta li l-artikolu 4(2) tar-Regolmenti ma japplikax ghas-Socjeta` Attrici ghaliex ma hiex "provditur ta' servizz ta' komunikazzjoniet". Tkompli, issostni dan l-argument f'paragrafi 13 u 14 tas-sottomissjonijiet taghha (a` fol 122).

**21.** L-istess argument bhal donnu jigi avvanzat mis-Socjeta` Konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha (a` fol 11) u f'paragrafu 13,14,30 u 36 tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha (a` fol 109 u 103). Ghalhekk, fil-fehma tal-Konvenuti, il-konsegwenza hi, li l-artikolu 4(2) ma hux applikabbli ghal kaz odjern, ghaliex dan jirregola s-sitwazzjoni bejn provvedituri tas-servizzi u mhux l-interessi ta' sid il-fond. Ifisser ukoll li l-Awtorita` ma kienitx tenuta bil-ligi tisma' l-veduti tas-Socjeta` Attrici jew tapplika l-effetti tal-artikolu 4(10) tar-Regolamenti, peress li taht l-Artikolu 4(1) ma hemmx din l-esigenza tal-Ligi u ghalhekk l-ghemil tal-Awtorita` Konvenuta kien konsonanti mal-principju ta' 'ubi lex voluit dixit' (ara paragrafu 16 tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` Konvenuta).

**22.** F'dan l-istadju din il-Qorti trid tissenjala zewg principji ta' importanza massima ghal mod kif l-Istat jew Awtorita' pubblika ghandha tezercita d-diskrezzjoni fdati lilha mil-ligi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha:-

(1) Li ma ghandha qatt tapplika ligi jew artikoli tal-ligi li jkunu l-anqas favorevoli ghall-individwu meta b'dan il-mod jigi rrekat pregudizzju jew ingustizzja lill-indivdwu. L-ezercizzju tal-poter sanzjonat mil-ligi qatt ma ghandu jkun ezercitat 'a` la carte'.

U

(2) Li f'certu cirkostanzi, fid-decizjonijiet taghha, indipendement mill-fatt jekk il-ligi tesigihiex jew le, dejjem ghandha taccerta li tkun konformi mar-rekwiziti kollha tal-ligi li tikkonferilha l-poter tad-decizjoni, kemm fis-sustanza u kif ukoll fil-procedura, u li thares fil-minimu taghhom, il-principji tal-Gustizzja Naturali, fost dawn, li-persuna li tinghata smiegh xieraq b'qima lejn il-principju ta' "audi alteram partem". Dwar l-ahhar element dan jista' jvarja minn smiegh veru u propju ghal semplici stedina sabiex dak li jkun jaghti l-veduti tieghu imqar bil-miktub. Il-forma ta' kif ghandu jkun rispettat dan il-principju tithalla ghall-bon sens ta' min ghandu jiddeciedi.

**23.** Sa fejn jirrigwarda l-punti imsemmija din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament fis-**Sentenza fl-ismijiet Borg vs L-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku deciza fil-21 ta` Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Settembru 2012:-**

*"Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddim ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv.*

*Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom.*"

**24.** Ghandu jinghad li, l-principji tal-Gustizzja Naturali ma humiex iddettati, eskluzi jew modifikati minn id il-bniedem. Dawn huma minquxa fil-kuxjenza ta' dak li ghandu mis-sewwa u gust. Ebda legislazzjoni ma tista' tidderoga mill-htiega taghhom fejn din il-htiega tirrizulta.

**25.** Ghalhekk, konstatat dan il-punt mhux dejjem jiswa xejn l-argument ikkostruwit fuq massimi bhal "*ubi lex voluit dixit"* jew " lex specialis derogat lex generalis". L-osservanza u harsien tal-principji tal-Gustizzja Naturali ma humiex degorabbli jew u l-anqas ma jistghu jkunu eskluzi fejn oggettivament ghandhom jitharsu. Stabbiliti dawn il-punti, il-Qorti ser tikkonsidra jekk f'dan il-kaz , il-principji msemmija gewx osservati.

**26.** L-ewwel ma jrid ikun stabbilit, jekk l-Awtorita` Konvenuta kellhiex tapplika artikolu 4(2) jew (1) jew it-tnejn. F'dan ir-rigward mill-ewwel issir referenza ghall-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni tal-fatti fl-eccezzjonijiet tas-Socjeta` Konvenuta li tghid hekk:-

"Illi l-ordni tal-mertu ta' din il-kawza hija necessarja sabiex is-Socjeta` Konvenuta Melita Cable plc ikollha access ghal Tigne' Point sabiex tkun tista' tipprovdi s-servizzi taghha ta' telefonija, televizjoni u internet, u sabiex b'hekk konsumaturi li jghixu f'Tigne' Point ikollhom il-fakulta' li jaghzlu li jixtru dawn

is-servizzi u sabiex in oltre` tkun assikurata l-kompetizzjoni hielsa f'Tigne` Piont."

**27.** F'dan ir-rigward jigi rilevat is-segwenti. Mill-atti jirrizulta li kull Ordni, mertu ta' din il-kawza, kollha inhargu fuq talba tas-Socjeta` Konvenuta (ara Dok B a` fol 10A u Dok MM a` fol 56). Ix-xhud Martin Attard Montalto, Chief Officer mal-Awtorita` Konvenuta, mitlub minn Dr. Richard Camilleri biex jesebixxi kopja ta' din it-talba wiegeb:- "Fir-records taghna ma sibt xejn". (a` fol 58). Ix-xhud Gianfranco Selvaggi fix-xhieda tieghu (a` fol 67 sa 73), Chief Executive, ghalkemm isemmi li kien hemm "request", ma pproduca ebda dokument f'dan is-sens u ftit li xejn kien car dwar dan l-aspett. Kien ix-xhud Simon Montanaro, li fil-kors tax-xhieda esebixxa t-talba tas-Socjeta` Konvenuta li abbazi taghha l-ewwel harget l-Ordni tal-24 ta' April 2007 u wara dik tal-25 ta' April 2007 (a` fol 75). Din l-ittra tinsab esebita bhala Dok SM (a` fol 65).

**28.** Mill-ittra fuq imsemmija tal-4 ta' April 2007 is-Socjeta` Konvenuta ghamlitha cara, li "Melita provides a variety of electronic communications services to consumers in Malta and Gozo." U li "Melita intends to provide its services to persons resident within the complex situated at Tigne` Point … ...". Kien abbazi tar-ragunijiet imsemmija f'din l-ittra li saret din it-talba. Dan abbinat mal-fatt, li fid-dikjarazzjoni tal-fatti tan-nota ta' eccezzjonijiet tas-Socjeta` Konvenuta jissemma' fost ohrajn is-servizz tal-internet, li minghajr

ebda dubbju jammontaw ghall-servizz ta' kommunikazzjoni ai termini tal-artikolu 4(2) tar-Regolamenti.

**29.** Il-Qorti ezaminat iz-zewg sub-artikoli ta' dawn ir-regolamenti. Jigi osservat li t-tfassil taghhom ma huwa felici xejn. Ikun utli li jsir intervent legislattiv biex dawn ir-Regolmenti jkunu aktar cari b'mod li jkunu jistghu jigu mifhuma ahjar.

**30.** Kwantu jirrigwarda artiklu 4(2), din il-Qorti tassew temmen li dan ma hux applikabbli ghas-Socjeta` Attrici. Ix-xenarju li jirregola dan l-artiklu huwa wiehed li jirrigwarda fond fejn diga` hemm installata infrastruttura minn provditur ta' servizz u provditur iehor ikun irid jaghmel uzu minnha. Skont din il-Qorti, artiklu 4(10) ta' dawk ir-regolamenti huwa fil-fatt imfassal biex jaccerta dak li jissejjah "level playing field" bejn diversi provdituri, meta jkun hemm aktar minn provditur ta' servizz wiehed li jkunu jridu jinstallaw jew jaghmlu uzu minn infrastruttura diga` installata.

**31.** Ghaldaqstant din il-Qorti temmen, li tassew kien zball genwin, meta inharget l-ewwel Ordni ai termini tal-artiklu 4(2) tar-Regolamenti. Di fatti fl-ittra tal-4 ta' April 2007 tas-Socjeta` Konvenuta, li permezz taghha talbet li tinhareg l-Ordni, ghamlitha cara, li t-talba taghha kienet ibbazata fuq artikou 4(1) (ara dok SM a` fol 65). Ghalhekk, tara kredibbli hafna x-xhieda ta' Carmel Callus dwar dan l-aspett tal-kawza.

**32.** In sostenn ta' dan l-argument, inkwantu jirrigwarda l-interessi tas-sid, il-Qorti tosserva, li fejn il-ligi riedet tirreferi ghalih jew ghall-interessi tieghu, dejjem ghamlet hekk b'mod specifiku. Hekk per ezempju f'artikli 4(1),5,6,7 u 8 tar-Regolamenti. Dan ifisser, li fejn artikolu ma jirrigwardahx, ma semmitux. Ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li artiklu 4(2) ma japplikax ghas-sid. F'din ic-cirkostanza tassew japplika l-principju "ubi lex voluit dixit".

**33.** Artiklu 4(1), minn naha l-ohra jirregola xenarju fejn fond ta' terz, ikun ghall-ewwel darba ser jigi assoggettat, ghal xorta ta' servitu` konsistenti fil-moghdija, tqeghid jew installazzjoni tal-infrasttura biex jinghataw is-servizzi imsemmija f'dan l-artiklu. Ghalkemm ma jissemmiex specifikament, maghdud ma' dawn is-servizzi hemm dak ta' kommunikazzjonijiet ta' servizzi elettronici. Li ma kienx hekk, qatt ma setghet tinhareg Ordni taht artikolu 4(1) kif mitlub mill-istess Socjeta` Attrici sabiex tipprovdi dan is servizz.

**34.** Di fatti, apparti servizzi ohra, fit-talba tas-Socjeta` fuq isemmija u kif ukoll tal-eccezzjonijiet taghha, kif diga' intqal, jissemmew kommunikazzjonijiet ta' servizzi elettronici. Il-kwezit li tqanqal jirrigwarda l-fatt, jekk dan l-artiklu jimponix fuq l-Awtorita' Konvenuta l-obbligu li xorta tosserva l-principji ta' Gustizzja Naturali, fil-kaz odjern dak tal-"audi alteram partem" u allura kissritx id-dettami tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-

Ligijiet ta' Malta, u dan minkejja, li artikolu 4(1) tar-Regolamenti ma jimponix fuq l-Awtorita` Konvenuta, li talinqas tiehu l-veduti ta' sid il-fond, kif jimponi artikolu 4(2) fil-kaz ta' provditur ta' servizz.

**35.** Il-kwistjoni ta' jekk gewx osservati ritwalment il-proceduri mandatorji tal-ligi, ghalkemm fondati fuq il-principji tal-Gustizzja Naturali, jimporta l-awtonomija ta' dan ir-rekwizit, mill-istess principji li fuqhom jistghu ikunu fondati. Huwa utli li ssir referenza ghal dak li qal Lord Diplock fis-**Sentenza 'Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the Civil Service'**:-

> "*I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred , even when such failure does not involve any denial of natural justice*."

**36.** Il-Qorti tinnota li artikolu 4(1) ma jipprovdix testwalment, bhal ma jaghmel artiklu 4(2) , ghal xi xorta ta' procedura li biha sid il-fond jkollu l-opportunita` li jaghti l-veduti tieghu qabel ma l-Awtorita` taghti d-decizjoni taghha jew fi kliem il-ligi tiddelibera, f'dan il-kaz billi tohrog Ordni. Anzi, dan l-artikolu ma jghid assolutament xejn. Jibqa' sieket dwar dan l-aspett.

**37.** L-uniku obbligu testwali ta’ natura procedurali li hija mandatorja li ghandha l-Awtorita` Konvenuta taht dan l-artiklu hu, li l-Ordni tigi notifikata lis-sid biex ikun mgharraf li wara ghaxart ijiem ser jinbdew ix-xogholijiet necessarji. Fejn dawn ir-Regolamenti riedu testwalment jipprovdu proceduralment ghal xi xorta ta' kontestazzjoni da parti ta' sid il-fond, dan qaluh espressament (ara artikli tar-regolamenti citati supra).

**38.** F'dan l-istadju, huwa valevoli li ssir referenza ghal dak li josserva **Evans De Smith`s f'Judicial Review of Administrative Action** (4th Edition pg. 196):-

> “*Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter.*” (ara ukoll **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Borg vs l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku tat-28 ta' Settembru 2012 u**

**Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili tal-Kompjant Imhallef Ray Pace tas-27 ta` Jannar 2011 fl-ismijiet Falzon vs Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et**)

**39.** Minn dan jemergi, li skont De Smith, fic-cirkostanzi fejn tassew ikun mehtieg, l-avviz ghandu jinghata lill-persuna mhux sempliciment biex ikun mgharraf, izda biex ikollu l-opportunita` taht forma jew ohra, jghid tieghu qabel u mhux wara li ssir il-ftira. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, l-avviz li jissemma' f'artiklu 4(1) tar-regolamenti jipprovdi biss li s-sid ikun notifikat bl-Ordni li inharget u mhux biex jaghti l-veduti tieghu qabel ma inhareg. Il-Qorti qed taghmel uzu mill-kelma "veduti" ghaliex din hija l-kelma li tintuza f'artiklu 4(2) tar-Regolamenti. Jekk dan l-ghemil tal-Awtorita` Konvenuta jammontax ghall-ksur ta' dawn il-principji fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad aktar 'l quddiem.

**40.** Irid ukoll jigi rilevat li l-principji ta' Gustizzja Naturali huma imprexxendibbli fis-sens, li l-Qorti l-anqas ma tista' tidhol fl-argument jekk xorta kienx jintlahaq l-istess rizultat anke kieku ma gewx osservati dawn il-principji. **Lord Wright** fil-kawza Ingliza**, General Medical Council v. Spackman, deciza mill-House of Lords fl-1943**, osserva hekk dwar dan il-punt:-

"*I*f the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in

the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision.*"*

**41.** Biex setghet tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, il-Qorti ezaminat it-trajettorja xejn ortodossa, jekk mhux ukoll bizantina, tal-mod kif sehhew l-avvenimenti. Dan huwa necessarju biex dak li jkun jifhem ahjar ir-ragjonament ta' din id-decizjoni.

**42.** Jibda biex jinghad, li ma jidhirx li s-Socjeta` Attrici giet notifikata formalment bl-Ordni tal-25 ta' April 2007. Di fatti, skont Michael Izzo fl-affidavit tieghu jispjega, li s-Socjeta` Attrici saret taf bl-Ordni tal-25 ta' April 2007 waqt laqgha li kellha mas-Socjeta` Konvenuta, u cioe` fid-9 ta' Mejju 2007 (Ara xhieda ta' Michael Izzo a` fol 23). Dawn il-fatti ma gewx kontestati mill-Konvenuti. Michael Izzo ma giex kontro-ezaminat. Ghalhekk il-Qorti ghandha kull raguni ghalfejn tifhem, li s-Socjeta` Attrici saret taf bit-tieni Ordni minghand is-Socjeta` Konvenuta waqt din il-laqgha. Dan ifisser, li s-Socjeta` Attrici giet a` konjizzjoni tal-Ordni mahruga fil-25 ta' April 2007, 14-il gurnata wara li suppost kienet harget din l-Ordni. Tajjeb li jinghad, li din il-laqgha saret biex ikomplu d-diskussjonijiet bejn iz-zewg Socjeta`jiet dwar il-"*memorandum of understanding*" fuq imsemmi, inter alia biex jigi stabbilit minn fejn ghandhom jghaddu dawn is-servizzi u x'kellu jkun il-kumpens!

**43.** Sussegwentement, is-Socjeta` Attrici protestat dwar it-tieni Ordni jumejn wara l-laqgha fuq imsemmija permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 2007 (a` fol 31). Il-misteru jkompli jikber, meta b'ittra tal-10 ta' Mejju 2007, l-ghada tal-laqgha fuq imsemmija, l-Awtorita' Konvenuta kitbet lis-Socjeta` Attrici, fejn infurmata li l-Ordni kienet inharget abbazi tal-artiklu 4(1). Jekk ma tridx, din l-ittra intbaghtet b'risposta ghall-ittra tas-Socjeta` Attrici tat-3 ta' Mejju 2007, meta din l-ahhar ittra kienet intbaghtet ghall-ewwel Ordni li harget abbazi tal-artiklu 4(2)! Indikazzjoni ta' kemm is-Socjeta` Attrici tassew ma kienitx taf bit-tieni Ordni.

**44.** F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tista' tislet zewg xenarji. L-ewwel, li x'aktarx, is-Socjeta` Konvenuta infurmat lill-Awtorita' Konvenuta, li mil-laqgha tad-9 ta' Mejju 2007, irrizultalha, li s-Socjeta` Attrici kienet ghadha ma tafx bit-tieni Ordni. Dan jispjega, ghalfejn il-htiega tal-ittra tal-10 ta' Mejju 2007 ta' l-Awtorita` Konvenuta 'l ghada tal-laqgha msemmija. Din l-ittra kienet mehtiega ghaliex kif gie indikat fiha stess "the said works may commence at any time after the lapse of ten days from the notification of the Order" izda sa dakinhar ma jirrizultax li dik l-Ordni kienet fil-fatt giet diga` hekk notifikata kif trid il-ligi. Ghalhekk f'dan il-kuntest il-Qorti hija tal-konvinciment li l-Awtorita` Konvenuta lanqas f'dan ir-rigward ma osservat il-htiega procedurali mandatorja kif rikjesta minn artikolu 4(1) tar-Regolamenti.

**45.** It-tieni, li bis-sahha tal-ittra tat-3 ta' Mejju 2007 fuq imsemmija tas-Socjeta` Attrici, anke jekk intbaghtet b'rejazzjoni ghall-ewwel Ordni, tajjeb jew hazin, l-Awtorita` Konvenuta kienet konsapevoli li s-Socjeta` Attrici seta' kellha veduti ragjonevoli x'taghti. Dan jinghad fost ohrajn fid-dawl li kemm mix-xhieda ta' Michael Rizzo fuq imsemmi, u kif ukoll mill-"*memorandum of understanding*" fuq imsemmija, is-Socjeta` Attrici kellha diga` l-infrastruttura lesta u li l-intopp bejn is-Socjeta`jiet kontendenti kien wiehed dwar il-kumpens.

**46.** Hawn irid jigi osservat li x-xorta ta' kumpens huwa wiehed ghal kollox sui generis, u forsi dan kien wiehed mill-fatturi li wassal ghall-perplessita` li sab ruhu fiha Charles Callus kif fuq spjegat. L-Awtorita` kienet diga’ fil-pussess tal-ittra tas-Socjeta` Attrici tat-3 ta’ Mejju 2007 b’risposta ghall-hrug tal-Ordni tal-24 ta’ April 2007 fejn fiha spjegat, fost ohrajn is-sitwazzjoni bejnha u bejn is-Socjeta` Attrici kwantu jirrgwarda l-infrastruttura u l-punt ta’ hlas ta’ kumpens.

**47.** Mix-xhieda ta' Martin Attard Montalto, ufficjal tal-Awtorita` Konvenuta, dan ix-xhud, ghalkemm jaf bl-ittra tal-25 ta' April 2007, l-Ordni fiha nnifsiha, li waslet biex tintbaghat dik l-ittra, ma rrizultatlux (ara xhieda a` fol 60). Dwar din l-Ordni, Gianfranco Selvaggi, ufficjal iehor tal-Awtorita' Konvenuta, apparti li x-xhieda tieghu hija karatterizzata minn hsieb neboluz u lacunae ta' memorji, f'zewg passaggi ta' din ix-xhieda jghid hekk:-

*"… ... Igifieri kien xi pressures jew mistoqsija mill-Ministeru jew xi mistoqsija mill-Ministeru biex tghaddi” (a` fol 68)* u *"Pero' nista nghidlek zgur illi jrid ikun bilfors jew korrispondenza gejja minn xi hadd ta' awtorita` ikbar minn , jigifieri li hija l-Ministeru, jew inkella ircevejt bil-kitba . Issa peress illi jiena qed nara li kienu wara xulxin dawk, bilfors, ghax kieku ma hargitx daqshekk vicin*". (a` fol 70).

**48.** Il-Qorti ma setghetx ma tinnotax wkoll ir-reticenza tal-Awtorita` Konvenuta, biex jixhed rappresentant taghha, minkejja li kien diversi drabi ingunt. Ghal xi raguni jew ohra ma kienx jidher, sakemm fl-ahhar xehed Martin Attard Montalto fl-20 ta' Jannar 2010 (ara ingunzjonijiet a` fol 41,44 u 48 u kif ukoll il-verbali a` fol 43,46 u 50).

**49.** Mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Awtorita` jirrizulta li nharget Ordni taht artiklu 4(1) fil-25 ta' April 2007 izda hadd ma jista' jiftakar is-sors preciz ta' dik l-Ordni. L-anqas ma tesisti xi prova dokumetali dwar dan. Is-sors taghha jistrieh fuq impressonijiet vagi, assunzjonijiet u supposizzjonijiet. Il-Qorti ma tistax ma tosservax il-mod ta’ kif jinzammu r-rekords tal-Awtorita`, b’mod li jaghmluha difficli u jqeghdu fi zvantagg lil min ikun irid jikkontesta l-kontenut taghhom. Dan ma jawgura xejn ghal dik li hija trasparenza fl-ezercizzju ta' funzjoni ta' Awtorita` li lilha gew konferiti poteri li jaffettwaw id-drittijiet tac-cittadini.

**50.** Ghalhekk il-mod kif is-Socjeta` Attrici giet a` konjizzjoni tal-Ordni tal-25 ta' April 2007, ma jirrispettax dak li trid il-ligi, fis-sens, li din kellha tal-inqas tkun kommunikata lis-sid tal-fond. Kif spjegat aktar 'l fuq, is-Socjeta` Attrici giet a` konjizzjoni ta' din l-Ordni b'kumbinazzjoni waqt il-laqgha tad-9 ta' Mejju 2007 kif fuq spjegat. Minn imkien ma jirrizulta li din l-Ordni giet notifikata lis-sid tempestivament. Jekk giet notifikata zgur mhux fil-mument li kellha tkun hekk notifikata. L-Awtorita' Konvenuta kellha kull okkazjoni biex taghmel din il-prova, bhal ma hi l-posta registrata u dan ma ghamlitux minkejja li fl-ittra tal-10 ta’ Mejju, 2007 l-Awtorita` Konvenuta stess tiddikjara li l-Ordni tal-25 ta’ April 2007 kienet intbghatet b’posta registrata. Fil-waqt li l-ittra tal-24 ta' April 2007, li tirrigwarda l-ewwel Ordni, jidher li waslet ‘l ghada ghand is-Socjeta` Attrici (ara dokument a` fol 10A u t-timbru li hemm fuqha), mhux hekk fil-kaz tal-Ordni tal-25 ta’ April 2007.

**51.** Apparti dan, l-Ordni tal-25 ta' April 2007 jikkontejeni avviz lis-Socjeta` Attrici, li, “*The said works shall be carried out in a manner which does not cause damage to the “tenement” or annoyance in terms of the law*”. Frazi, li ghal xi raguni ma tinstabx fl-Ordni tal-24 ta' April 2007. B'danakollu, ma' din l-ittra ma kien hemm xejn x'jindika r-rotta li kienu ser jiehdu dawn ix-xogholijiet. Tenut kont ukoll, li tajjeb jew hazin, bl-ittra tat-3 ta' Mejju 2007 (supra), l-Awtorita` kienet taf li s-Socjeta` Attrici kienet diga’ hasbet ghall-infrastruttura minn fejn kellhom jghaddu jew ikunu installati dawn is-servizzi

(ara affidavit dettaljat ta’ Michael Izzo a` fol 21 et sequens dwar il-mod kif is-Socjeta` Attrici bl-aktar mod garbat provdiet ghal dan). Di piu` kif qatt setghet l-Awtorita` Konvenuta tkun taf jekk is-Socjeta` Attrici kienetx ser issofri hsara jew inkomodu, jekk lil din tal-ahhar qatt ma inghatat opportunita` li talanqas taghti l-veduti taghha?

**52.** F'dan ir-rigward, is-Socjeta` Attrici ghandha ghalfejn tilmenta, ghaliex fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 6 tar-regolamenti, il-minimu li setghet taghmel l-Awtorita`, talinqas kwantu jirrigwarda dan l-aspett, li qabel ma jinhareg l-Ordni tiehu l-veduti tas-Socjeta` Attrici. Aktar u aktar meta bl-ittra tat-3 ta’ Mejju 2007, l-Awtorita’ Konvenuta kienet taf li s-Socjeta` Attrici kienet diga’ provdiet ghall-infrastruttura necessarja.

**53.** Kif qatt setghet is-Socjeta` Attrici tikkontesta r-rotta tat-tqeghid, jekk qatt ma kienet infurmata bid-dettalji tar-rotta?! L-artiklu 6 tar-regolamenti jippresupponi li s-Sid, jekk ma jkunx konsultat, talinqas ikun infurmat dwar dan l-aspett.

**54.** Ma jaghmilx sens dak li teccepixxi l-Awtorita` Konvenuta f’dan ir-rigward fil-hames (5) eccezzjoni taghha. Fl-ewwel lok, artikolu Kap 81 tal-Ligijiet ta’ Malta imkien ma jattribwixxi l-kwalita` ta’ medjatrici lill-Awtorita`. Artikolu 6 li jirrigwarda lir-Regolatur u li mid-decizjoni tieghu hemm dritt ta’ appell. Dawn ir-regolamenti tant huma mankanti, li dan ir-regolament ma

jipprovdix ghal terminu meta ghandu jsir dan l-appell (ara artiklu 6(3) ta' dawn ir-Regolamenti).

**55.** Fit-tieni lok, skont artikolu 6(1) is-sid ghandu terminu qasir ta' tmient (8) ijiem mid-data tal-Ordni biex jikkontesta r-rotta tas-servizzi. Dan ifisser, li din l-informazzjoni trid tinghata lis-sid **mal**-Ordni u mhux **wara** mill-provditur tas-servizz, kif qed targumenta l-Awtorita` Konvenuta fl-eccezzjoni fuq imsemmija. Li kieku s-sitwazzjoni kienet bhal dik li jinghad fl-eccezzjoni imsemmija, il-ligi kienet tissenjala li t-tmint (8) ijiem imsemmija ghall-appell jibdew jghaddu minn meta l-ewwel darba s-sid jinghata kopja tar-rotta jew minn xi data certa. Kieku ma kienx hekk, terminu daqstant qasir minghajr l-informazzjoni mehtiega u li jibda jiddekorri mill-Ordni, huwa wiehed ghal kollox irragjonevoli.

**56.** Kif inghad aktar 'l fuq, dawn l-Ordnijiet jimponu fuq is-sid li jbaxxi rasu ghall-limitazzjoni tad-drittijiet patrimonjali tieghu bil-holqien ta' dan ix-xorta ta' servitu`. Ma hux logikament u guridikament accettabbli, li f'dawn il-kazijiet, l-Awtorita` tirrombla minn fuq is-sid daqs li kieku ma jezistix. F'cirkostanzi meta jkun ovvju u manifest li s-sid ghandu jinstema', l-Awtorita` ghandha tisimghu.

**57.** Id-dritt tas-sid li jaghti l-veduti tieghu, l-anqas ma ghandu jkun limitat ghal kwistjoni ta' danni li jista jsofri jew ix-xorta ta' kumpens li jisthoqqlu

jircievi. Ghalkemm kull kaz huwa differenti minn iehor, meta jirrikorru c-cirkostanzi, is-sid ghandu wkoll jithalla jghid tieghu qabel ma tinhareg Ordni bhal din, biex preventivament jinghata l-opportunita' li jimmitiga kull inkonvenjent, skomodu jew pregudizzju li ser ikollu jsofri b'mod inevitabbli. Per ezempju, fil-kaz odjern, is-Socjeta` Attrici kienet diga' hasbet ghall-infrastruttura ghat-tqeghid u moghdija ta' dawn is-servizzi. Ma jirrizultax li qabel ma inharget l-Ordni tal-25 ta' April 2007 dan il-fatt inghata xi piz mill-Awtorita' Konvenuta .

**58.** Fil-kuntest tal-artiklu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (*reasonableness*) u li ghandu jkun segwit minn Awtorita` Pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha taht il-ligi. Di piu` fejn it-twettiq ta' xi setgħa jgib mieghu l-uzu ta' diskrezzjoni, l-ligi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'harsien tar-regoli ta' Gustizzja Naturali (ara decizjoni tal-**Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Joseph R. Micallef, fl-ismijiet Euro Chemie Products Limited -vs- Malta Industrial Parks tal-20 ta' Frar 2013**).

**59.** Il-fatt li s-Socjeta` Konvenuta talbet li tinhareg l-Ordni, meta anke din kienet pjenament konsapevoli tal-preparamenti li kienet ghamlet is-Socjeta` Attrici u ma jidhirx li provdiet din l-informazzjoni lill-Awtorita' Konvenuta, dan fih innifsu, ukoll jammonta ghall-fatt, li parti instemghet mentri mhux hekk fil-

kaz tas-Socjeta` Attrici. Irid jinghad ukoll, li galdarba fl-Ordni tal-25 ta' April 2007, kien hemm indikazzjoni cara li r-rotta ghat-tqeghid ta' dawn is-servizzi kienet diga` stabbilita, din il-Qorti tikkonsidraha inverosimili hafna, li l-Awtorita` Konvenuta b'xi mod ma kkomunikatx mas-Socjeta` Kovenuta dwar dan l-aspett, fil-waqt li s-Socjeta` Attrici, u cioe` sid il-fond, thalliet fid-dlam. Di fatti fuq dan il-punt ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Awtorita` ftit li xejn kienu kategorici u gieli anke evazivi.

**60.** Fir-rigward kif u b'liema mod ghandha tkun ezercitata d-diskrezzjoni minn Awtorita` Pubblika fl-esekuzjoni tal-funzjonijiet taghha **H.W.R Wade u C.F Forsythe** jinsenjaw hekk:-

> "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. ... ... Virtually, all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness within which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*" (**Administrative Law; 10th Ed; pg 295-6**).

**61.** F'dan ir-rigward huwa wkoll l-insenjament ta' dawn il-Qrati, li l-kejl ta' twettiq ragonevoli ta' diskrezzjoni amministrattiva jinbena fuq kriterji oggettivi (ara **Decizjoni tal-Prim Awla fl-ismijiet Stephanie Dalli -vs- Dr. Valerie Sollars et tal-20 ta' Ottubru 2009**). F'dan il-kaz, l-Awtorita` Konvenuta kellha quddiemha cirkostanzi li oggettivament kienu jirrikjedu li ghandha talinqas tisma' l-veduta tas-Socjeta` Attrici qabel ma tohrog l-Ordni tal-25 ta' April 2007.

**62.** Il-fatt li ligi ma tipprovdix ghal dan espressament, ma jezonorax lill-Awtorita` milli taghti l-minimu ta' smiegh lill-persuna, meta c-cirkostanzi hekk ikunu jiddettaw. Meta d-dritt ta' smiegh ma jissemmiex espressament mil-ligi, l-Awtorita` ma tistax tiddeciedi b'dinzinvoltura daqs li kieku l-principji fuq imsemmija ma jesistux. Anzi, fejn il-ligi tibqa' siekta f'dan ir-rigward, bhal ma jaghmel artiklu 4(1) tar-Regolamenti, l-Awtorita` trid timxi b'aktar kawtela. Dan ghaliex il-piz tad-diskrezzjoni huwa itqal u aktar onoruz minn meta s-smiegh ta' liema xorta jkun, tiddettah espressament il-ligi.

**63.** Il-Qorti ma tistax thalli ghaddej inosservat il-fatt, li jidher li kien hemm pressjoni fuq l-Ufficjali tal-Awtorita` biex johorgu l-Ordni b'certu ghaggla. Di fatti minhabba l-ghaggla, li l-ewwel Ordni harget hazin taht artiklu 4(2) flok 4(1) u dan minhabba zball tat-tipa (ara xhieda ta' Carmel Callus a` fol 87, ara wkoll xhieda ta' Gianfranco Selvaggi a` fol 68 u 70 citata supra).

**64.** F'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament ta' dawn il-qrati fejn intqal illi:-

> "*Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel".*(**Ara Sentenza per Imhallef Joseph R. Micallef tal-Prim'Awla tal-Qoti Civili fl-ismijiet Halida Kuduzovic et vs Professur Juanito Camilleri noe tat-30/5/2014**)

**65.** Di fatti mix-xhieda tal-Ufficjali kollha tal-Awtorita` Konvenuta, din il-Qorti hasset li ma kienux f'posizzjoni li jaghtu spjegazzjoni ghal certu diskrepanzi. Huwa palpabbilment car li fil-kors tad-deposizzjoni taghhom, hassewhom skomdi ghall-mistoqsijiet li kienu qeghdin isirulhom. Kif inghad aktar 'l fuq, l-anqas setghu jiddentifikaw is-sors u l-origini tal-Ordni, hlief ghall-fatt, li saret talba mis-Socjeta` konvenuta biex din tinhareg.

**66.** Fl-ahhar nett il-Qorti rat l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta` Konvenuta. Rat ukoll pargrafi 5,6 u 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha (a` fol 108). Il-Qorti taqbel ma dawn is-sottomissjonijiet.

**67.** L-ghemil amministrattiv li ssemmi l-ligi jirrigwarda esekuzzjoni li tista' tkun imwettqa minn Awtorita' pubblika bhal ma hi dik Konvenuta f'dawn il-

proceduri. L-ghemil ta' persuna privata ma jista' jkun qatt soggett ghax-xorta ta' stharrig li tirreferi ghalih il-ligi. Ghalkemm tifhem ukoll ghaliex is-Socjeta` Attrici dderigiet il-kawza kontra s-Socjeta` Konvenuta ghal kull interess li jista' jkollha. Xorta ta' interess li seta' ta lok ghall-intervent taghha fil-kawza ai termini tal-artiklu 960 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kieku l-kawza ma kienitx hekk diretta kontra taghha ukoll. L-effetti tal-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz li jikkolpixxi stharrig ta' diskrezzjoni ta' Awtorita` Pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha. Ghalhekk is-Socjeta` Konvenuta ma hiex guridikament kolpita mill-effetti ta' artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex il-finalita` guridika ta' dan l-artiklu twassal ghall-gudizzju li ma jirrigwardahiex. Ghalhekk jisthoqq li s-Socjeta` Konvenuta tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta` Konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tilqa'** it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' Konvenuta.

**Tichad** il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita' Konvenuta.

**Tilqa'** l-ewwel talba Attrici u tiddikjara li meta l-Awtorita` Konvenuta harget l-Ordni tal-25 ta' April, 2007 naqset milli tosserva l-principji ta' Gustizzja

Naturali u kif ukoll il-htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil.

**Tilqa'** t-tieni talba Attrici u tiddikjara ghalhekk bhala nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, l-Ordni fuq imsemmija u cioe` dik tal-25 ta' April, 2007 mahruga mill-Awtorita` Konvenuta.

**Spejjes tal-kawza** ghandhom ikunu sopportati kwantu dawk tas-Socjeta` Attrici u Awtorita' Konvenuta a karigu tal-istess Awtorita' Konvenuta. Kwantu dawk tas-Socjeta` Konvenuta nofs bin-nofs bejn is-Socjeta` Attrici u l-Awtorita' Konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**